MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Numru 1157/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**PAUL MUXI**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni li permezz taghha Paul Muxi, bin Carmel u l-mejta Maria nee' Sciberras mwieled il- Hamrun nhar it-23 ta' Frar 1948 Res: No. 44, 'Larnaca', Triq tal-Hlas, Qormi. I.D.222948(M).

Billi gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minn gewwa l-fond bl-isem ta' 'Champ's Pastizzeria' li jinsab gewwa Triq in-Naxxar, San Gwann nhar is-06 ta' Ottubru 2010 u fil-gimghat ta' qabel, ikkommetta serq ta' flus kontanti a

detriment ta’ Johann Tanti u/jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-persuna.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. NS3 u nnutat li l-imputat Paul Muxi m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li ssetilja l-pendenzi tieghu mal-parte civile rigwardanti dan il-kaz.

Rat l-artikoli 18, 31, 261(d), 268 u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Paul Muxi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li ssetilja l-pendenzi tieghu mal-parte civile rigwardanti dan il-kaz, li l-imputat ammetta l-akkuza fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Paul Muxi ghall-piena ta’ erbatax (14) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma’ ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat Paul Muxi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Paul Muxi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------